MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 14/2003

**Mariella Balchin**

**vs**

**Avv. Dr. Renzo Porsella-Flores u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja li gew nominati kuraturi deputati b'digriet tas-6 ta' Novembru 2002 biex jirrapprezentaw l-assenti Ian Balchin.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fl-14 ta' Frar 1998.

Illi l-konvenut irrenda ruhu hati versu martu ta' mohqrija, theddid, eccessi u ngurji gravi b'mod li l-hajja konjugali ma

baqghetx aktar possibbli, *oltre* li abbanduna d-dar matrimonjali.

Illi *inoltre* z-zwieg issa tkisser irrimedjabbilment.

Illi l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni ta’ l-Onorabbli Sekond’ Awla tal-Qorti Civili biex tipprocedi bil-kawza ghall-firda personali (Dok “A”).

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti b’tort unikament tal-konvenut;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dik ir-retta alimentarja li joghgobha tiffissa ghall-attrici;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

4. Tillikwida l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti li tinqasam f’zewg partijiet mhux necessarjament ugwali b’tali mod, jekk ikun il-kaz il-konvenut jitlef kull jedd fuq in-nofs l-akkwisti li waqt iz-zwieg kienu saru l-aktar bil-hidma ta’ l-attrici.

5. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti kontemplati fl-artikoli 48, 51 u 53 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut mill-lum ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 7 tal-process;

Rat id-digriet tal-affidavit moghti fit-8 ta’ Jannar 2003 fejn il-Qorti pprefiggiet lill-attrici sittin (60) gurnata sabiex

tipprezenta l-provi kollha li tista’ permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat id-digriet nota guramentata moghti wkoll lill-attrici fit-8 ta’ Jannar 2003 fejn giet mitluba telenka fil-qasir il-pretensjonijiet taghha, bin-notifika lill-kontro-parti li wkoll permezz ta’ nota guramentata ghandu jindika fejn ma jaqbilx.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati tad-29 ta’ Jannar 2003 a fol. 12 fejn gie eccepit:-

1. Illi huma ma jafu xejn dwar il-fatti tal-kawza u ghalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom aktar ’il quddiem.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati a fol. 12 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 t’April 2003 fejn inghata digriet affidavit tal-partijiet b’terminu ta’ erbghin (40) gurnata kull wiehed.

Rat it-tliet noti tal-attrici tal-15 t’April 2003, wahda li biha nfurmat lill-Qorti li *ai termini* tal-artikolu 62 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta hija taghzel li tirriverti ghal kunjom xbubitha li huwa Micallef; ohra li biha pprezentat sitt (6) dokumenti, fosthom affidavit taghha stess; filwaqt li permezz tal-ohra nfurmat lill-Qorti li hija mhux ser tinsisti ghall-manteniment *stante* li ma tafx fejn qed jghix zewgha, u konsegwentement talbet li jigu applikati l-provvedimenti tal-artikoli 48 *et seq* tal-Kap 16 sabiex wara l-abbandun ta’ zewgha jigu assenjati lilha l-ftit effetti mobbli li jikkostitwixxu l-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti.

Rat il-verbali tad-19 ta’ Gunju 2003 fejn il-kuratur Dr. Renzo Porsella-Flores informa lill-Qorti li ghad m’ghandux l-indirizz tal-konvenut assenti, u li mill-bqija jirrimetti ruhu; tat-30 t’Ottubru 2003; tal-4 ta’ Dicembru 2003 fejn il-Qorti giet infurmata li minkejja li l-kuratur ikkomunika mal-assenti, dan baqa’ bla ezitu, u ghaldaqstant fuq talba ta’

Dr. Doreen Clarke ghall-attrici l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 26 ta’ Frar 2004.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob il-firda personali mill-konvenut, u mill-provi prodotti jirrizulta illi t-talba attrici ghandha tigi milqugha, u dan abbazi tal-fatt li jirrizulta li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta’ mohqrija u eccessi, b’dan li l-hajja konjugali ta’ bejn il-partijiet ma baqghetx aktar possibbli. In effetti jirrizulta li l-konvenut kien jinteressah fih biss u ma kkontribwixxa kwazi xejn ghall-hajja konjugali u kien mohhu aktar li jkun mal-hbieb milli ma’ martu, tant li hafna drabi u fil-maggoranza tal-kazi l-attrici kien ikollha tipprovdi ghaliha nfisha, jew bi flusha jew bi flus missierha li hija kienet tiehu hsieb. Fil-fatt jirrizulta wkoll meta li l-konvenut habta u sabta abbanduna d-dar konjugali u f’Dicembru 2001 siefer lejn l-Ingilterra u ma regax ikkomunika mal-attrici. Ghalhekk l-ewwel talba ghandha tigi milqugha.

Illi dwar it-tieni talba l-Qorti tikkonferma li l-attrici ghandha dritt li titlob manteniment minghand zewgha f’kaz li hija ma jkollhiex introjtu, pero’ tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess talba *stante* li ma ngabitx ebda prova dwar l-introjtu attwali tal-konvenut.

Illi t-tielet talba ghandha wkoll tigi milqugha b’dan li tiddikjara x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti b’effett minn Dicembru 2001, id-data meta l-konvenut abbanduna lill-attrici.

Illi dwar ir-raba’ talba jirrizulta li l-unika oggetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti huma l-kamra tas-sodda u l-kamra tal-banju u xi *tiles*, l-ahhar zewg oggetti ovvjament accedew mal-immobbli appartenenti lil missier l-attrici. Illi l-istess mobbli formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta’ valur zghir u fuq deskritti ghandhom jigu assenjati lill-attrici

kemm b'applikazzjoni tal-**artikolu 48 (1) (c) tal-Kap 16** kontra l-konvenut, u wkoll minhabba l-fatt li l-konvenut qabel ma telaq minn Malta gibed il-flus kollha li kien hemm f'*joint account* u ghalhekk fi kwalunkwe kaz jidher li ha aktar minn sehmu mill-komunjoni tal-akkwisti, u ghalhekk tali mobbli ghandhom jappartjenu esklussivament lill-attrici.

Illi dwar il-hames talba din ghandha tigi milqugha u qed jigu applikati kontra l-konvenut l-effetti kollha kontemplati fl-**artikolu 48 (1) (a) (b) (c) u (d) tal-Kap 16**.

Illi in vista tan-nota attrici tal-15 t'April 2003 il-Qorti tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha li huwa "Micallef".

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess jista' jinghad b'xi mod li huma kontrastanti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn premess, b'dan illi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti b'tort unikament tal-konvenut minhabba mohqrija u eccessi da parti tal-istess konvenut b'mod li l-hajja konjugali bejn il-kontendenti ma baqghetx aktar possibbli, u z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, anke minhabba abbandun da parti tal-konvenut mid-dar matrimonjali.

2. Filwaqt li tikkonferma li l-attrici ghandha dritt li titlob il-hlas tar-retta alimentari minghand il-konvenut, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-tieni talba peress li mill-atti processwali ma ngabet ebda prova dwar l-introjtu attwali tal-istess konvenut.

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti b'effett minn Dicembru 2001.

4. Tilqa' r-raba' talba biss fis-sens li tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti biss f'kamra tas-sodda, f'kamra tal-banju u xi *tiles*, u b'applikazzjoni tal-**artikolu 48 (1) (c) tal-Kap 16** kontra l-konvenut u wkoll minhabba l-fatt li l-konvenut approprija ruhu mill-flus appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti, din il-Qorti tassenja l-istess mobbli u oggetti hawn indikati esklussivament lill-attrici.

5. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti kollha kontemplati fl-**artikoli 48 (1) (a) (b) (c) u (d) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi l-Qorti tilqa' t-talba tal-attrici skond in-nota taghha tal-15 t'April 2003 sabiex abbazi tal-**artikolu 62 tal-Kap 16** tirriverti ghal kunjom xbubitha "Micallef".

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut b'dan pero' li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------